Ġunju 2017 • Vol 24 • Nru. 2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




Fil-Paġni ta' ġewwa:

- Mini Police Day ġewwa l-Iskola Primarja tal-Floriana
- Dun Manwel Curmi – Kappillan tal-Pulizija ta' Għawdex
- Il-*Malta Police General Fund* u r-rendikont finanzjarju għas-sena 2016

U aktar…

Newspaper Post

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

Ġunju 2017 • Vol 24 • Nru. 2

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

07



19



31



52





5. Editorjal

7. Dan l-aħħar...

16. Malta Tiċċerja t-Tieni Laqgħa tal-Unitajiet Nazzjonali tas-Cepol (*Cepol National Units*) f'Budapest, l-Ungerija

19. Dun Manwel Curmi - Kappillan tal-Pulizija ta' Għawdex.

22. Il-*Malta Police General Fund* u r-Rendikont Finanzjarju għas-Sena 2016

25. Proposti għall-membri tal-Korp liż-żewġ partiti politiċi ewlenin għall-Manifest Elettorali tal-2017

27. Tinżamm f'Malta it-Tieni Laqgħa tal-Bord tal-Immaniġġjar\ tas-CEPOL

29. Malta Police Association

31. *Mini Police Day* ġewwa l-Kulleġġ San Ġorġ Preca Skola Primarja, Floriana

36. Meta min jgħin jista' jeħtieġ l-għajnuna: l-effetti ta' *Secondary Traumatisation*

38. Santo Cassar - L-unika uffiċjal tal-Pulizija maqtul fil-gżira ta' Għawdex.

42. Il-Ballata Dwar Qtil fil-Mosta

43. Il-*kepe – kepi*

45. Avvenimenti U Informazzjoni

49. Jum il-Pulizija 2017 - Mitejn u Tlieta Anniversarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija

50. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

52. L-Akkwist ta' Tagħmir għall-Membri tal-Korp Kofinanzjat mill-Fond għas-Sigurtà Interna

53. Paġna għat-tfal

55. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

56. International Police Association - Malta

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju


Ritratt - CMRU

IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Deputat Kummissarju Mario Spiteri
Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
Membri: Supretendent Kenneth Haber
WPS 280 Louise Camilleri
WPC 25 Charlene Cilia
WPC 176 Sloune Gatt Fabri

Qari tal-Provi: WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Editorjal

Filli nawguraw il-Milied u s-Sena t-Tajba u nistennew li nibdew il-Presidenza u f't'ebqa t'għajn sibna ruħna fix-xahar ta' Marzu, f'nofs il-Presidenza. Titwila lejn l-artiklu 'Dan l-Aħħar' tinduna kemm isir xogħol fi tliet xhur biss. X'ma narawhx għaddej malajr iż-żmien!

L-Editur

rodienne.bartolo@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU



Nhar il-Ħamis 2 ta' Marzu 2017, grupp ta' persuni li jaħdmu ġewwa l-Parlament u li fosthom hemm ukoll uffiċjali tal-Pulizija ġew ippreżentati b'ċertifikati wara li attendew u temmew b'suċċess kors ta' taħriġ bażiku fl-ewwel għajnuna. Din iċ-ċerimonja saret ġewwa l-bini tal-Parlament u għaliha attendew il-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Onorevoli Dr Angelo Farrugia kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tal-*Malta Red Cross*, is-Sinjura Paulette Fenech.

F'diskors qasir li ta l-Onorevoli Dr Farrugia spjega kif okkażjoni bħal din hija waħda speċjali għaliex fiha jinġabru flimkien il-ħaddiema kollha li jagħtu sehemhom fil-Parlament. Huwa tenna li huwa importanti li t-taħriġ jibqa' jingħata kemm lil Pulizija kif ukoll lill-ħaddiema kollha tal-Parlament u dan bil-għan li tissaħħaħ is-sigurtà tal-Parlament kif ukoll is-sigurtà lil dawk kollha li jagħmlu użu minn dan il-bini.

---

Fit-8 ta' Marzu 2017 ġewwa s-sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, 52 membru tal-Korp tal-Pulizija ngħataw il-kariga ta' surġent f'ċerimonja ppreseduta mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, is-Sur Carmelo Abela u mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar.

Il-Ministru Abela fid-diskors tiegħu qal li l-irwol ta' surġent hu meqjus bħala s-sinsla tal-Korp u għandu rwol kemm investigattiv, dixxiplinarju u amministrattiv. Huwa appella lis-surġenti l-ġodda sabiex jaħdmu biex il-Korp ikun eqreb iċ-ċittadin.

Il-Kummissarju tal-Pulizija fetaħ id-diskors tiegħu billi qal li kien onorat li kemm ilu fit-tmexxija tal-Korp dan kien it-tieni grupp ta' kuntistabbli li kienu qed jingħataw il-kariga ta' surġent tal-Pulizija. Huwa spjega li għalih ir-rank ta' surġent huwa l-pedament tal-Korp. Il-Kummissarju tenna jgħid lil dawn is-surġenti ġodda li huwa importanti li jkollhom relazzjoni ta' xogħol tajba ma' kulħadd kemm ma' ta' fuqhom u kemm ma' ta' taħthom. Spjegalhom li jridu jżommu d-dixxiplina fuq il-post tax-xogħol kif ukoll iridu jifhmu l-problemi ta' dak li jkun. Il-Kummissarju qalilhom ukoll sabiex ikunu *team workers* ħalli dan iwassalhom għal suċċess fil-



karriera tagħhom kif ukoll jiggwadanjaw ir-rispett minn ta' madwarhom. Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi awguralhom għall-kariga tagħhom u bħal dejjem fakkar li l-bieb tiegħu huwa dejjem miftuħ għalihom kemm għal problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom fix-xogħol kif ukoll dawk personali.

---

Fit-23 ta' Marzu 2017, ingħaqdu mal-Korp tal-Pulizija grupp ta' 33 kuntistabbli ta' riserva fejn tmienja minnhom huma nisa. Dan il-grupp ġie assenjat f'diversi distretti, skwadri u uffiċini. Il-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li laqa' bi pjaċir kbir lil dawn il-membri qalilhom li jinsab ċert li reġgħu daħlu lura fil-Korp bl-istess entużjażmu li kienu daħlu bih meta ħadu l-ġurament għall-ewwel darba. Ħafna minn dawn il-membri l-Kummissarju jafhom mill-qrib u ħadem magħhom għal snin twal u b'hekk tennielhom li jinsab ċert, li fejn ser ikunu bla dubju li l-Korp se jibbenefika mill-esperjenzi tagħhom tal-passat.



Reserve Police Constables

Huwa temm id-diskors tiegħu billi qalilhom li jridhom li jħossuhom parti integrali fil-Korp u li l-kariga ġdida tagħhom għandha l-istess importanza daqs kull kariga oħra. Fl-aħħar tenna li l-bieb tiegħu kien, għadu u jibqa' miftuħ għal dawk li jkollhom bżonn.

Il-Ministru Abela li wkoll kien preżenti għal din iċ-ċerimonja feraħ lill-membri l-ġodda li wara karriera twila fil-Korp għażlu li jkomplu joffru s-servizz tagħhom għall-protezzjoni tas-soċjetà fuq bażi partajm. Il-Ministru ħeġġiġhom biex b'rieda jservu ta' support fil-postijiet li ħa jkunu assenjati fihom.

---



Fl-għases tal-Pulizija tal-Mosta, Imtarfa, Żejtun u Raħal Ġdid ġie nstallat apparat awdjoviżiv fi kmamar li ħa jkunu użati għall-interrogazzjoni ta' persuni li jkunu arrestati. Fi żjara li għamel il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, is-Sur Carmelo Abela flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija ġewwa l-għassa tal-Mosta nhar l-24 ta' Marzu 2017, qal li din is-sistema ġġib magħha diversi benefiċċji kemm għal pulizija, għas-suspettat u għas-sistema tal-ġustizzja kriminali. Dan għaliex dan huwa mezz li juri aħjar il-komportament tas-suspettat waqt l-interrogatorju mill-pulizija kif ukoll jiġi assigurat li l-istqarrija tkun ġiet magħmula mis-suspettat volontarjament u ma ġietx imġielgħa jew meħuda b'theddid, biża', wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

Dawn il-kmamar ġew magħmula sempliċi apposta, fejn fl-*istandards* tal-Pulizija juru li persuna waqt intervista trid tkun f'ambjent fejn għandha mill-inqas distrazzjonijiet possibbli. L-intervista tiġi rrekordjata u sorveljata minn pulizija li jkun f'kamra oħra apposta.

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

Fid-29 ta' Marzu 2017, Dr. Mario Spiteri, is-Sur Carmelo Magri, is-Sur Silvio Valletta u Dr. Antoine Casha rċevew il-ħatra bħala Deputati Kummissarji tal-Pulizija mill-Ministru Carmelo Abela fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap Eżekuttiv tal-Korp, is-Sur Angelo Gafà.



Il-Ministru Abela qal kif il-Pulizija llum qed topera f'soċjetà li qed tinbidel fejn anke s-soċjetà u l-kriminalità qed tevolvi b'rata mgħaġġla. Għaldaqstant kull Deputat Kummissarju se jkun qiegħed jiffoka fuq oqsma differenti u speċjalizzati. Il-Ministru rrimarka kif din il-kariga fit-tmexxija tal-Korp iġġib magħha responsabbilitajiet ġodda. Huwa qal li l-erba' Deputati Kummissarji għandhom iservu ta' spalla għall-Kummissarju tal-Pulizija fid-dmirijiet tiegħu.

Il-Kummissarju filwaqt li awgura lid-Deputati Kummissarji li ġew promossi f'din il-kariga, wera s-sodisfazzjon li dawn l-uffiċjali dejjem ħadmu miegħu bħala tim u issa x-xogħol tagħhom se jkun wieħed aktar definit.

Minn hawn nifirħu lid-Deputati Kummissarji għal din il-ħatra, b'mod partikolari lil Dr. Mario Spiteri li huwa l-President ta' dan il-magażin.

---

Nhar is-7 t'April 2017, f'jum id-Duluri, wara quddiesa kkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp, Fr Raymond Bonniċi OFM, ġewwa l-Kappella tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, infetħet għall-pubbliku l-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li kull sena tiġbed ħafna nies li jiġu jżuruha. Din il-wirja nfetħet mill-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, is-Sur Carmelo Abela flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar.

Wara t-tberik ta' din il-wirja, il-Ministru Abela f'kelmtejn qal kemm hi ta' valur għalina l-Insara l-festa tal-Għid u kemm joħroġ is-sinifikat reliġjuż f'wirjiet bħal dawn. Huwa faħħar it-talent ta' dawn il-Pulizija li b'tant reqqa jtellgħu dan ix-xogħol u rrefera għalihom bħala artisti.



Fid-19 t'April 2017 twaqqfet taqsima fil-Korp tal-Pulizija li mistennija tkun t'appoġġ u għajnuna għall-vittmi ta' reati kriminali. F'konferenza stampa li tħejjiet apposta sabiex tiġi inawgurata din it-taqsima u li għaliha attendew il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali s-Sur Carmelo Abela, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kap Eżekuttiv is-Sur Angelo Gafà u diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, tħabbar kif din it-taqsima se tkun punt ta' riferiment għall-vittmi tal-kriminalità kif ukoll il-qraba tagħhom. Il-Ministru waqt id-diskors tiegħu spjega kif wara li vittma tmur tagħmel rapport lill-pulizija fl-għassa, il-vittma se tkun qed tingħata l-għażla jekk tkunx tixtieq li tiġi riferuta lejn il- *Victim Support Unit* (VSU) tal-Pulizija. Jekk il-persuna taqbel, il-pulizija li jkun ħa r-rapport tal-vittma ser ikun qed jagħmel kuntatt mal-VSU sabiex jgħaddi d-dettalji lill-uffiċjal tal-VSU, u minn hemm isir appuntament separat mal-vittma.




Din it-taqsima ser tkun qed titmexxa mill-iSpettur tal-Pulizija Sylvana Gafà, u għal provvediment ta' dan is-servizz inħoloq uffiċċju apposta li hu attrezzat b'mod li l-vittmi jkunu jistgħu jħossuhom komdi jitkellmu f'ambjent adegwat u differenti minn dak f'għassa.

---

Nhar it-Tnejn 24 t'April 2017 fl-uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, żewġ Surġenti Maġġuri tat-Tieni Klassi, Francis Gauci u Michael Borg ġew promossi fil-kariga ta' Surġent Maġġur tal-Ewwel Klassi.



Din il-ħatra ngħatat mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar u preżenti wkoll kien hemm id-Deputat Kummissarju, is-Sur Mario Spiteri.

Nifirħu lis-Surġenti Maġġuri tal-Ewwel Klassi għal din il-ħatra u nawgurawlhom suċċess fil-ħidma tagħhom.

Fid-9 ta' Mejju 2017, ħamest iklieb tar-razza *Belgian Shepherd* magħrufa bħala *Malinois*, li huma kollha aħwa, ġew milqugħa mill-Korp tal-Pulizija sabiex jingħaqdu mat-Taqsima tal-Klieb fil-grad ta' surġenti. Dawn il-klieb mistennija jgħinu lill-Pulizija favur il-protezzjoni taċ-ċittadin u l-ġlieda kontra l-kriminalità.



Iċ-ċerimonja kienet ippreseduta mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Carmelo Abela flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar u l-Kap Eżekuttiv tal-Pulizija, is-Sur Angelo Gafà flimkien ma' uffiċjali oħra għolja fi ħdan il-Korp, saret ġewwa l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati li tinsab fil-kumpless f'Ta' Kandja.



Il-klieb bl-isem ta' Kira, Janco, Sky u Tuzzi huma mħarrġa u se jingħaqdu mas-sezzjoni tat-tfittxijiet għall-isplużjonijiet, filwaqt li l-kelb bl-isem ta' *Chase* huwa mħarreġ u se jkun qed jaħdem bħala kelb tal-protezzjoni.

---

Tlettax-il kuntistabbli raġel u tliet kuntistabbli nisa nħatru Surġenti tal-Pulizija nhar il-15 ta' Mejju 2017 ġewwa l-*Officers' Mess* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Il-Ministru Carmelo Abela flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar ferħu u awguraw lil dawn is-surġenti li fi kliem il-Kummissarju huma issa ħa jkunu l-bandiera tal-Korp u dan għaliex ir-rank ta' surġent huwa l-pont bejn l-uffiċjali ta' fuqu u ta' taħtu, filwaqt li spiss ikun l-ewwel li jitfaċċa fuq il-post f'każ ta' bżonn u dan iġib miegħu kemm unur kif ukoll responsabbiltà.








Nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 2017 saret l-inawgurazzjoni ta' proġett ta' rinovar estensiv li sar fl-għases tal-Pulizija taż-Żejtun, Ħaż-Żabbar u ta' Birżebbuġa. Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Carmelo Abela żar it-tliet għases imsemmija u inawgura dan ix-xogħol ta' tisbiħ estensiv. Huwa saħaq fuq l-importanza tat-tisħiħ tal-għases tal-Pulizija fil-lokalitajiet li għandu jirrifletti f'servizz aħjar lill-pubbliku.

Preżenti wkoll waqt din l-attività li rat il-qofol tagħha ġewwa l-lokalità taż-Żejtun, flimkien mal-Ministru Abela attendew il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar, il-Kap Eżekuttiv tal-Korp, is-Sur Angelo Gafà kif ukoll uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp.

Is-Sur Gafà bħala l-Kap Eżekuttiv tal-Korp tal-Pulizija tkellem fuq l-importanza li l-Pulizija toffri servizz mill-aqwa. Huwa saħaq kif il-ħidma se tibqa' ffukata għal iżjed Pulizija fit-toroq u iżjed rondi fil-komunità.

Għal din l-okkażjoni ġewwa l-pjazza taż-Żejtun ittellgħet attività mill-Korp tal-Pulizija fejn pulizija mis-Sezzjoni tat-Traffiku, mill-Kavallerija, mir-*Rapid Intervention Unit* u s-Sezzjoni tal-Klieb kienu preżenti sabiex familji, b'mod speċjali t-tfal, setgħu jaraw aktar mill-viċin l-apparat li jintuża minna l-membri tal-Korp filwaqt li fl-istess ħin jintegraw aktar mal-Pulizija.

---

Fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, nhar it-22 ta' Mejju 2017 ittellgħet konferenza stampa ppreseduta mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Carmelo Abela u mis-Segretarju Parlamentari għall-Presidenza tal-UE 2017 u għall-Affarijiet Ewropej l-Onor. Ian Borg. Din il-konferenza stampa kienet tirrigwardja investiment ta' 9.2 miljun ewro għall-Korp tal-Pulizija għat-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri.

Il-Ministru Abela spjega li hemm ħames proġetti marbuta mas-sigurtà u l-ħarsien tal-fruntieri filwaqt li żewġ proġetti oħra huma marbuta mas-sezzjoni tat-teknoloġija u l-informatika.
Attendew għal din il-konferenza li saret ġewwa l-*Officers' Mess*, il-Kummissarju tal-Pulizija flimkien mal-Kap Eżekuttiv tal-Korp tal-Pulizija fost uffiċjali oħra fi ħdan il-Korp.

magazine.police@gov.mt



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Malta Tiċċerja t-Tieni Laqgħa tal-Unitajiet Nazzjonali tas-Cepol (*Cepol National Units*) f'Budapest, l-Ungerija

Mid-Deputat Kummissarju Mario Spiteri

Fl-4 u fil-5 ta' April 2017, Malta, permezz tad-Deputat Kummissarju Mario Spiteri, iċċerjat it-Tieni Laqgħa tal-Unitajiet Nazzjonali tas-CEPOL (*CEPOL National Units*) f'Budapest, l-Ungerija. Malta ilha membru fis-CEPOL (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi) minn meta din twaqqfet fl-2005.

Għal dawk li forsi mhux midħla sew ta' din l-Aġenzija, is-CEPOL għandha l-irwol li tiżvillupa, timplimenta u torganizza taħriġ għall-pulizija u uffiċjali oħrajn tal-infurzar tal-liġi. Fost affarijiet oħra, is-CEPOL:

- tipprovdi taħriġ għall-pulizija u uffiċjali oħrajn tal-infurzar tal-liġi;
- ittejjeb is-sigurtà tal-UE permezz tal-qsim tat-taħriġ u l-għarfien; u
- tistabbilixxi netwerks ta' taħriġ.

Is-CEPOL toffri korsijiet ta' taħriġ innovattivi u avvanzati. Hi tintegra l-ħiliet reċenti u l-iżviluppi fir-riċerka u t-teknoloġija fil-programmi ta' taħriġ tagħha, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-pulizija. Il-portafoll attwali tagħha jinkludi: korsijiet residenzjali; tagħlim onlajn; programmi ta' skambju, kurrikuli komuni u xjenza u riċerka. Malta tipparteċipa attivament f'kull qasam ta' dan il-portofol.

L-aġenzija għanda unita' nazzjonali (magħrufa bħala s-'*CEPOL National Unit*') f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropeja. L-unitajiet nazzjonali jipprovdu informazzjoni u gwida għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi li jixtiequ jieħdu sehem f'attivitajiet tas-CEPOL.

Minbarra affarijiet ta' *core business* u proġetti li ġew diskussi skont l-aġenda, fil-laqgħa li ppresidiet Malta tal-unitajiet nazzjonali, inżammu tliet '*workshops*' importanti b'dawn is-suġġetti:

- *Exploring options for the Scientific Committee* (moderat minn Malta);
- *The path towards innovation at CEPOL* (moderat mill-Olanda); u
- *How can CEPOL serve the enlarged target group?* (moderat minn Franza).

Il-punti li ħarġu minn dawn il-'*workshops*' ser jiġu rrappurtati u jinġiebu għad-diskussjoni quddiem il-'*Management Board* tas-CEPOL' li ser jiltaqgħa f'Malta bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2017 fl-lukanda ewlenija f'San Ġiljan. Attenda wkoll din il-laqgħa l-Ispettur Jurgen Vella mill-Kwartieri Ġenerali.

magazine.police@gov.mt



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Dun Manwel Curmi - Kappillan tal-Pulizija ta' Għawdex.

Mis-Surġent 1040 John Grima – Distrett 10

Għalina l-membri tal-Korp li qed inservu fid-Distrett ta' Għawdex kif ukoll dawk li rtiraw bis-servizz, is-6 ta' Jannar 2017 kien jum sinjifikanti. Jum li fih Dun Manwel Curmi temm karriera ta' 41 sena bħala Kappillan tal-Pulizija għal Għawdex u merħba lill-Kappillan il-ġdid Dun Pawl Cardona. Dun Manwel Curmi hu qassis minn Fontana, li hawn Għawdex jafu kulħadd bħala l-fundatur tal-Fondazzjoni Arka. Imma min hu Dun Manwel Curmi għalina l-Pulizija?

Dun Manwel Curmi twieled fir-raħal tal-Fontana fil-15 ta' Jannar 1937. Studja fl-Iskola Primarja tar-Rabat u fis-Seminarju Minuri. Wara li ħa l-formazzjoni saċerdotali fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, huwa kien ordnat saċerdot fit-18 ta' Mejju 1961. Dan il-qassis ħabrieki serva bħala viċi parroku fil-Basilika ta' San Ġorġ, Victoria, Direttur taż-żgħażagħ Ħaddiema Nsara, Direttur tal-Oratorju Don Bosco, Direttur Spiritwali taż-Żona Industrijali tax-Xewkija, Direttur tal-Fondazzjoni Arka, Direttur tal-*Caritas* u oħrajn.

Il-kariga ta' Kappillan tal-Pulizija kienet missjoni oħra fil-ħajja saċerdotali ta' Dun Manwel. Ħatra ta' Kappillan tal-Pulizija ssir bi ftehim bejn il-Kummissarju tal-Pulizija u s-superjuri tas-saċerdot li jkun. Kien fis-sena 1975 meta l-Isqof Nikol Cauchi nnomina lil Dun Manwel Curmi għal din il-kariga. Il-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija għandu *rank with non executive powers ta' Supretendent*. Madanakollu Dun Manwel qatt ma kellu dan ir-*rank* formali. Kien fit-18 ta' April 1996 li s-Sur Ġorġ Grech, Kummissarju ta' dak iż-żmien, ħatar uffiċjalment lil Dun Manwel bħala



Kappillan tad-Distrett numru 10 (Għawdex). Meta l-Eċċ. Tiegħu Mario Grech sar Isqof ta' Għawdex huwa ħalla lil Dun Manwel Curmi f'din il-kariga.



Il-ħidma pastorali tal-Kappillan tal-Pulizija kienet kemm dik pastorali sagramentarja kif ukoll pastorali ta' akkumpanjament. Kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar, kull nhar ta' Ħadd, festi kmandati u pubbliċi, Dun Manwel kien jiċċelebra quddiesa fil-kappella li hemm fl-għassa tar-Rabat – Għawdex. Din il-Kappella hija ddedikata lil Maria Addolorata u għalhekk f'Jum id-Duluri, Dun Manwel kien jistieden lill-Isqof ta' Għawdex sabiex jiċċelebra hu l-quddiesa. Il-membri ta' Għawdex sabu lil Dun Manwel kemm fil-ferħ kif ukoll fin-niket tagħhom. Iċċelebra għadd kbir ta' żwiġijiet lill-membri tal-Korp u magħmudijiet fil-familji tagħhom. Mexxa funerali ta' membri tal-Korp li kienu għadhom fis-servizz u f'Novembru ta' kull sena dejjem attenda għaċ-ċerimonja fuq il-qabar tal-Pulizija fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija.

Bħala Kappillan tal-Pulizija, Dun Manwel dejjem kien disponibbli għall-membri tal-Korp tad-Distrett ta' Għawdex fil-ħtiġijiet tagħhom sew dawk familjari, soċjali kif ukoll diffikultajiet oħra. F'każijiet ta' mard ta' xi membru tal-Korp huwa dejjem ħeġġeġ għat-talb waqt il-quddies fl-għassa u bla dubju ta' xejn qatt ma naqas li jżur lill-marid sew jekk l-isptar jew inkella d-dar.



Wara li serva taħt ħdax-il Kummissarju tal-Pulizija, fis-6 ta' Jannar 2017 Dun Manwel temm il-karriera tiegħu bħala Kappillan tal-Pulizija għal Għawdex. Saret quddiesa ta' radd il-ħajr fil-kappella tal-Għassa tar-Rabat-Għawdex ikkonċelebrata minn Dun Manwel stess, iċ-*Chaplain* tal-Korp tal-Pulizija Patri Raymond Bonnici OFM u Dun Pawl Cardona, il-Kappillan ġdid għad-Distrett ta' Għawdex. Għal din il-quddiesa attendew għadd sabiħ ta' membri minn Għawdex. Somma ġmielha ta' flus li nġabret minn qabel minn fost il-membri tad-Distrett ta' Għawdex ingħatat lil Dun Manwel Curmi mis-Supretendent Antonello Grech bħala għotja lill-Fondazzjoni Arka. *Ad multos annos!*

magazine.police@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Il-*Malta Police General Fund* u r-Rendikont Finanzjarju għas-Sena 2016

minn PS 731 Keith Vella mill-Iskwadra kontra r-Reati Ekonomiċi

Il-*Malta Police General Fund* huwa fond li ilu mwaqqaf mill-1919 bis-saħħa tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 164.01. Dan il-fond huwa amministrat mill-Kummissarju tal-Pulizija u hija fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu kif il-fondi f'dan il-kont jiġu mħaddma. Din il-Leġislazzjoni tistipula wkoll li kull membru tal-Korp irid jikkontribwixxi €13.98 kull tliet xhur lejn dan il-fond. Apparti minn dan kollu, huwa mandatorju li dan il-kont jiġi vverifikat darba f'sena mill-Awditur Ġenerali.

Huwa għal din l-aħħar raġuni li fis-sena 2016, kien ġie deċiż li jibdew isiru l-*Final Accounts* ta' dan il-kont kull sena u jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali. Fil-fatt, fis-sena 2016, kienu saru għall-ewwel darba l-*Final Accounts* tas-sena 2015 u din is-sena saru l-*Final Accounts* tas-sena 2016. Ir-rendikont tas-sena 2016 intbagħat lill-Awditur Ġenerali nhar is-27 ta' April 2017.

Huwa l-ħsieb tal-Kummissarju Lawrence Cutajar, kif ukoll tal-kumitat imwaqqaf apposta rigward dan il-fond li r-rendikonti ta' kull sena ta' dan il-fond jiġu ppubblikati f'dan il-magażin għall-benefiċċju tal-membri, kif ukoll tal-eks membri tal-Korp. Ta' min jgħid ukoll li dan il-kumitat imsemmi ftit aktar qabel kien imwaqqaf mill-Kummissarju preżenti biex ikun il-fora fejn issir id-diskussjoni u l-konsultazzjoni ta' kif għandhom jiġu amministrati l-fondi f'dan il-kont. Dan il-kumitat kellu l-ewwel laqgħa tiegħu nhar il-15 ta' Novembru 2016 u huwa kompost mill-Kummissarju tal-Pulizija, żewġ deputati kummissarji, żewġ surġenti, u rappreżentant kull wieħed mill-*POU-GWU*, *MPU* u l-*MARPO*.

Ir-rendikont tas-sena 2016 ġie ppreparat fuq il-bażi ta' kemm fil-fatt daħlu u ħarġu flus mill-fond (*cash basis*). Mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016, f'dan il-fond daħal l-ammont ta' €128,991.64. Dan l-ammont kien kompost minn erba' figuri distinti. L-ammont ta' €108,153.54 jinkludi l-ġbir ta' kontribuzzjonijiet mill-membri tal-Korp li jkopru minn Ġunju 2014 sa Diċembru 2016. Ta' min jgħid ukoll li l-Fizzjali jikkontribwixxu aktar minn €13.98 kull tliet xhur skont ir-rank li jkunu fih. Din id-differenza ta' bejn it-€13.98 u l-ammont kontribwit mill-Fizzjali, hija inkluża fl-ammont ta' €108,153.54 u kull tliet xhur tiġi mgħoddija lill-*Officers' Mess Committee*.

L-ammont ta' €17,292.43 kien miġbur mill-pensjonanti li għażlu li jibqgħu jħallsu l-kontribuzzjoni ta' €13.98 darba f'sena. Il-figura ta' €3,256.67 kienet tkopri l-ammont li kien inġabar biex jingħata lill-Istrina 2015 li kien jammonta għall-€2,766.67, ammont ta' €400 li kienu donazzjonijiet li kienet irċeviet il-Banda tal-Korp waqt id-diversi kunċerti li kienu mtellgħin u ammont ta' €90.00 li kienu f'forma ta' donazzjonijiet lill-Mużew tal-Korp tal-Pulizija. Apparti dawn, fil-fond daħal ukoll l-ammont ta' €289.00 li kienu jkopru l-bejgħ mill-Mużew tal-Korp.

Bħala ħruġ, dan il-kont kellu €133,953.54 li kienu jkopru diversi spejjeż. Matul is-sena nħarġu €40,592.16 li kienu jkopru l-kontribuzzjoni li l-Kummissarju jagħti lill-qraba tal-membri jew eks membri tal-Korp li jkunu mietu. Dan l-ammont ingħata lill-qraba ta' 28 pensjonant li kienu għadhom iħallsu l-kontribuzzjoni. Ammont ieħor kien jammonta għal €14,420.37 li kien ikopri l-kontribuzzjoni ta' €6.99 li l-Kummissarju jagħti lil kull membru tal-Korp biex isiru r-riċevimenti tal-Milied. Dan l-ammont imsemmi kien ikopri parti mill-kontribuzzjonijiet tas-snin 2015 u 2016.

Il-figura ta' €2,568.22 ġiet mgħoddija lill-*Malta Police Officers' Mess Committee*. Dan l-ammont kien ikopri l-ammont ta' kontribuzzjonijiet miġbura mingħand il-Fizzjali 'l fuq minn €13.98 matul l-ewwel disa' xhur tas-sena 2016.

L-akbar spiża li dan il-kont kellu matul l-2016 kienet tirrelata mal-attivitajiet soċjali li l-Korp jorganizza għal Jum il-Pulizija u matul iż-żmien tal-Milied. Matul is-sena tħallas l-ammont ta' €73,591.69. Għalkemm dan l-ammont jidher sostanzjali, din il-figura tkopri żewġ attivitajiet li saru matul il-Milied tal-2014, żewġ attivitajiet li saru għal Jum il-Pulizija tal-2015, tmien attivitajiet li saru matul il-Milied tal-2015 liema bilanċi kienu pendenti mis-snin imgħoddija u erba' attivitajiet li saru matul Jum il-Pulizija tal-2016.

Matul l-2016, inħareġ ukoll l-ammont ta' €2,039.28 bħala *allowances* lill-uffiċjal inkarigat mill-ġbir tal-kontribuzzjonijiet u lill-*accounting officer* li jieħu ħsieb li jinżammu r-rendikonti tal-fond kif suppost. Spiża oħra li ħarġet minn dan il-kont kienet tinkludi l-ammont ta' €367.70 li kienet tkopri ikel u xorb mhux alkoħoliku li ġie pprovdut waqt tliet attivitajiet li kumitati affiljati fil-Korp organizzaw biex jinġabru flus għall-karità. L-ammont ta' €316.63 ġew mgħoddija lill-kuntistabbli tal-Pulizija wara li għamel talba u din intlaqgħet kemm mill-*Welfare Sub-Committee* u kemm mill-Kummissarju. L-aħħar ammont li ħareġ minn dan il-kont kien jammonta għall-€57.49 li kienu jkopru ħlasijiet għal servizzi mogħtija mill-*Bank of Valletta*.

Fil-bidu tas-sena 2016, f'dan il-fond kien hemm l-ammont ta' €77,471.61 li meta żżid miegħu l-ammont ta' €128,991.64 u tnaqqas l-ammont ta' €133,953.54, fl-aħħar tas-sena 2016 f'dan il-fond kien għad fadal l-ammont ta' €72,509.71.

Huwa importanti li dan l-eżerċizzju jibqa' jsir minħabba raġunijiet legali, kif ukoll għall-fini ta' trasparenza u kontabilità. B'dan il-mod, kull membru fil-Korp u pensjonant ikollu stampa ċara ta' kif il-fondi li qegħdin jikkontribwixxu qegħdin jiġu utilizzati.

magazine.police@gov.mt

**FINAL ACCOUNTS OF THE MALTA POLICE FUND FOR THE YEAR 2016**

Estratt mill-*Final Accounts*.

**Income and Expenditure Account for the year ended 31 December 2016**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Income** | | | |
| Contribution by Serving Members | (2) | | € 108,153.54 |
| Contribution by Pensioners (Retired Members) | (4) | | € 17,292.43 |
| Donations | (5) | | € 3,256.67 |
| Other Deposits | (6) | | € 289.00 |
| **Total Income for the year** | | | **€ 128,991.64** |
| **Expenditure** | | | |
| Payments to the heirs of non-Serving Members (Mutual Help) | (7) | € 40,592.16 | |
| Contribution by Commissioner of Police for Christmas Parties | (9) | € 14,420.37 | |
| Payment made to the Malta Police Officers' Mess Committee | (10) | € 2,568.22 | |
| Christmas and Police Day Social Activities | (11) | € 73,591.69 | |
| Emoluments | (12) | € 2,039.28 | |
| Fund Raising Activities | (13) | € 367.70 | |
| Welfare Sub Committee | (14) | € 316.63 | |
| Other Bank Charges | (15) | € 57.49 | |
| **Total Expenditure for the year** | | | **€ 133,953.54** |
| **Net Deficit for the year** | | | **-€ 4,961.90** |

**Cash Movement for the year ended 31 December 2016**

| | | |
|---|---|---|
| Opening cash balance at bank as at 1 January 2016 | (1) | € 77,471.61 |
| Cash movements during the year | | -€ 4,961.90 |
| Closing cash balance at bank as at 31 December 2016 | | **€ 72,509.71** |

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Proposti għall-membri tal-Korp liż-żewġ partiti politiċi ewlenin għall-Manifest Elettorali tal-2017

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

Wara li ġiet imħabbra Elezzjoni Ġenerali f'temp ta' xahar, ċioè nhar it-3 ta' Ġunju 2017, bħala POU-GWU inħossu li għandna nagħmlu proposti sabiex iż-żewġ partiti ewlenin, il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista jikkunsidraw idaħħluhom fil-manifest elettorali rispettivi tagħhom.

Minkejja li kellna diversi proposti, ħassejna li kellna nemfasizzaw fuq dawk li fl-opinjoni tagħna huma l-aktar ta' prijorità.

Qed nagħmlu biss total ta' sitt (6) proposti. Sabiex inkunu aktar preċiżi l-ewwel proposta ċioè dik rigward il-kumpens għas-sahra maħduma, ser tibda tiġi implimentata dis-sena u rridu nassiguraw lill-membri tal-Korp li dan il-kumpens ser jinżamm irrispettivament liema partit ser ikun fil-gvern. Għaldaqstant jekk din il-proposta tibqa' implimentata, jibqa' biss ħames (5) proposti oħra, ekwivalenti għall-proposta fis-sena f'leġiżlatura ta' ħames snin.

Il-proposti huma dawn:

- Kumpens għas-sahra maħduma bejn l-1993 u l-2009
- Ftehim settorjali ġdid
- Drittijiet sħaħ fil-liġi dwar l-impjieg u r-relazzjonijiet industrijali
- Saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol
- Polza tal-assigurazzjoni lill-membri kollha tal-Korp
- Aġġustamenti fil-pensjonijiet tal-Pulizija

### Kumpens għas-sahra maħduma bejn l-1993 u l-2009

Minkejja li konxji li legalment illum il-ġurnata m'għandna ebda dritt li nieħdu dawn il-flus b'lura, daqstant ieħor inħossu li huwa obbligu morali li l-membri tal-Korp li ħadmu ammont konsiderevoli ta' sigħat żejda mingħajr ħlas jingħata lilhom jew l-eredi tagħhom tali kumpens.

Għaldaqstant, irridu nassiguraw li l-kumpens maqbul bejn l-unjins u l-gvern ikun garantit, mhux taxxabbli u mqassam fuq perjodu ta' mhux aktar minn erba' (4) snin.

### Ftehim settorjali ġdid

Sfortunatament sal-lum il-ġurnata fil-Korp tal-Pulizija għadu qatt ma sar ftehim settorjali bil-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema. L-aħħar żewġ dokumenti li kienu jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Pulizija kienu dawk tal-1993 u tal-2012, iżda dawn saru bi ftehim bejn il-gvern u l-Kummissarji ta' dawk iż-żmenijiet.
Għaldaqstant, minkejja li n-negozjati bil-proposti għal ftehim settorjali ġdid li ż-żewġ unjins ewlenin fil-Korp ressqu għadu fi stadju bikri, irridu nassiguraw li dan jitkompla u jridu jinżammu ż-żewġ proposti prinċipali, dik li kull membru tal-Korp jitla' skala u li jkun hemm ħlas addizzjonali jekk il-Pulizija ser jiġu mitluba jaħdmu aktar minn 40 siegħa fil-ġimgħa. Il-ftehim settorjali m'għandux idum aktar minn sena mid-data tal-leġiżlatura l-ġdida sabiex jiġi konkluż.

### Drittijiet sħaħ fil-liġi dwar l-impjieg u r-relazzjonijiet industrijali.

Wara li fl-2015 il-membri tal-Korp tal-Pulizija ġew mogħtija d-dritt li jistgħu jissieħbu fi trejd unjin tal-għażla tagħhom, irridu mhux biss nassiguraw li dan id-dritt jibqa', iżda saħansitra nemmnu li wasal iż-żmien li dan id-dritt ikun estiż.

Filwaqt li nifhmu li l-gvern irid jiżgura ruħu mis-sigurtà nazzjonali, il-Pulizija għandhom jingħataw id-drittijiet kollha ta' kull ħaddiem ieħor, inkluż id-dritt t'azzjoni industrijali. Jista' jinstab bilanċ biex qabel ma tilwima tasal sal-punt t'azzjoni industrijali, ikun hemm ammont ta' proċeduri li wieħed irid josserva.

### Saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol

Artiklu 3 tal-liġi dwar l-Awtorità u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Kap 424) juri biċ-ċar li sal-lum il-ġurnata l-liġi ma tapplikax għall-membri tal-Korp tal-Pulizija u korpi dixxiplinati oħra. Nifhmu li meta din il-liġi daħlet fis-seħħ seta' kien hemm xi riżervi minħabba n-natura tax-xogħol tagħna, iżda l-esperjenza wriet li dan l-artiklu ġie abbużat.

Nemmnu li proprju għax in-natura tax-xogħol tal-Pulizija huwa aktar perikoluż minn xogħlijiet oħra, aktar għandhom ikollhom salvagwardji biex jiġi minimizzat il-periklu fuq ħajjithom. Wasal iż-żmien li Artiklu 3 tal-liġi msemmija tiġi abolita u l-liġi tibda tapplika wkoll għall-membri tal-Korp tal-Pulizija fl-intier tagħha.

### Polza tal-assigurazzjoni lill-membri kollha tal-Korp

Minkejja li kemm-il darba ntqal li ser tiġi evalwata l-possibilità li l-membri tal-Korp ikollhom polza tal-assigurazzjoni, din għadha sal-lum ma ġietx fis-seħħ. Hemm bżonn li fil-leġiżlatura li ġejja l-polza tal-assigurazzjoni għal kull membru tal-Korp tkun implimentata.

F'dan ir-rigward wasal iż-żmien li tittieħed deċiżjoni finali. Nistgħu niddiskutu l-metodu kif ser tiġi implimentata, jekk għandux jidħol direttament il-gvern jew il-privat, iżda għandna nassiguraw li din id-darba ssir.

### Aġġustament fil-pensjoni tal-Pulizija

Għalkemm membru tal-Korp tal-Pulizija jista' jirtira mill-Korp tal-Pulizija wara 25 sena servizz, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-pensjoni tibqa' ffriżata b'2/3 tal-aħħar paga bażika li jkun ħareġ biha skont ir-rank rispettiv.

Wasal iż-żmien li jinstab mekkaniżmu li din il-pensjoni tiġi aġġustata minn żmien għal żmien sabiex il-valur tagħha jibqa' rilevanti maż-żminijiet.

tvella@pou-gwu.org.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Tinżamm f'Malta it-Tieni Laqgħa tal-Bord tal-Immaniġġjar tas-CEPOL

Mid-Deputat Kummissarju Mario Spiteri

Bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2017, inżammet f'Malta it-Tieni Laqgħa tal-Bord tal-Immaniġġjar tas-CEPOL (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi). Din il-laqgħa, li saret f'lukanda ewlenija f'San Ġiljan, kienet ippreseduta mis-Sinjura Frederike Everts mill-Olanda u għalija attendew madwar 65 delegat mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Attendew wkoll il-Professur Ferenc Banfi li hu d-Direttur Eżekutiv tas-CEPOL kif ukoll id-Deputat Direttur, Detlef Schroeder.

Id-diskors inawgurali f'isem il-Presidenza Maltija sar mill-Professur Tanya Sammut-Bonnici, Ċerpersin tal-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati.

Il-preparamenti għal din il-laqgħa, li kienet suċċess kbir speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' loġistika, saru mid-Deputat Kummissarju Mario Spiteri kif ukoll l-Ispetturi Jurgen Vella u Neville Mercieca. Għenu wkoll bħala sapport, WPS 55 Graziella Montanaro u WPC 364 Pauline Bonello mill-Uffiċċju tal-Unjoni Ewropea tal-Korp.

Din kienet wkoll l-aħħar laqgħa tal-Bord tal-Immaniġġjar tas-CEPOL li saret taħt it-TRIO preżenti, jiġifieri dak tal-Olanda, is-Slovakkja u Malta. Fil-fatt, kemm fil-laqgħa li jmiss li se ssir bejn il-15 u s-16 ta' Novembru 2017 fl-Estonja u fil-laqgħat ta' wara, dawn se jkunu ppreseduti mis-Sur Norbert Leitner tal-Awstrija f'isem it-TRIO kompost mill-Estonja, il-Bulgarija u l-Awstrija.

Fost l-aktar temi importanti li ġew diskussi f'Malta kien hemm ukoll l-elezzjoni taċ-ċermen tal-Bord il-ġdid, l-ippjannar u l-finanzi ta' din l-Aġenzija, l-awditjar u l-kontrolli interni, materji legali kif ukoll is-sistema ta' *Grant Management*. Id-delegati ttieħdu wkoll l-Imdina bħala parti mill-programm kulturali tagħhom.

magazine.police@gov.mt



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

*Il-Union Indipendenti Tiegħek*

# Malta Police Association

mill-Ispettur Frankie Sammut

## Il-Ftehim Settorjali – x'se jkun fih?

F'April li għadda, l-*MPA* flimkien mal-*POU*, ressqu dokument bi proposti konġunti għall-Ftehim Settorjali. Kienet waħda mill-għajtiet ewlenin tal-*MPA* f'dawn l-aħħar tliet snin u b'mod speċjali u b'determinazzjoni għal din is-sena, li l-Pulizija, wara tant taħbit ikollhom ġabra ta' kundizzjonijiet tax-xogħol li jkunu negozjati mar-rappreżentanti tal-ħaddiema stess u mhux ma' min iħaddem (jew il-kap tad-dipartiment) li jiddeċiedi waħdu għall-ħaddiem.

Kif tafu, fi Frar li għada l-*MPA* nidiet konsultazzjoni magħkom dwar xi proposti li tixtiequ jitressqu. Matul din il-konsultazzjoni rċivejna bosta proposti mingħand uħud mill-membri. L-*MPA* qabdet dawn il-proposti u għarblithom u ħareġ li tant minnhom, għalkemm huma proposti tajbin, ma jistgħux jiġu negozjati fi Ftehim Settorjali iżda meta tinħoloq *policy* interna kif ukoll esterna. Ammont sostanzjali mill-proposti li ressaqtu tpoġġew fuq il-mejda biex jiġu diskussi mal-*POU*, b'ħafna minnhom saħansitra sabu posthom fid-dokument uffiċjali li ġie preżentat.

Tajjeb illi qabel ngħaddu għall-kontenut tad-dokument preżentat, nispjegaw ir-relazzjoni tal-Ftehim Settorjali mal-Ftehim Kollettiv u r-regoli tal-*PSMC*. Il-Ftehim Kollettiv (li għadu kemm ġie ffirmat) flimkien mal-*PSMC* ser jibqgħu jiffurmaw parti integrali mir-regoli u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Pulizija. Dawn japplikaw għall-ħaddiema kollha fis-servizz pubbliku kollu inkluż il-Pulizija. Jiġifieri, iż-żieda fis-salarji attribwiti għal kull skala fix-*shift allowance* u l-*qualifications allowance* ser japplikaw għall-Pulizija wkoll. Imbagħad, flimkien ma' dawn jibda japplika wkoll il-Ftehim Settorjali la darba jiġi konkluż. Fejn ikun hemm kunflitt bejn il-Ftehim Settorjali u d-dokumenti l-oħra, jirbaħ il-Ftehim Settorjali.

Il-Ftehim Settorjali jibda billi jitlob li l-Pulizija kollha jitilgħu skala. Din il-proposta mhijiex sparatura fl-arja, iżda għax verament nemmnu li l-piż tax-xogħol fuq il-Pulizija kif ukoll il-ħtieġa ta' ħiliet dejjem qed jiżdiedu.

Bla dubju, tlabna li tiġi rimedjata d-diskrepanza fit-trattament tal-Pulizija fejn jidħlu ħinijiet tax-xogħol u ħlas. Irridu li s-salarju jibda jirrifletti ġimgħa ta' 40 siegħa u kwalunkwe sigħat maħduma żejda titħallsu tagħhom. Għalhekk, bix-xiftijiet li għandna preżentament, tlabna li nitħallsu tas-6 sigħat żejda li naħdmu kull ġimgħa. Fil-każ tal-Ispetturi, intalab *disturbance allowance* adegwat u fuq il-kundizzjonijiet li għandu kwalunkwe ħaddiem ieħor li jieħu dan l-*allowance*, jiġifieri li ma jiddependix mis-sigħat li wieħed jaħdem. Aħna nifhmu li l-ħtieġa li Spettur idum aktar mill-ħinijiet normali fuq ix-xogħol hija waħda regolari, għalhekk, li jaqa' *overtime grade* mhix l-aktar soluzzjoni prattika u vijabbli. Iżda fejn jidħlu sigħat żejda maħduma mill-Ispetturi f'attivitajiet nazzjonali li jistgħu jiġu pjanati minn qabel (bħal Elezzjonijiet u *Summits*) l-Ispetturi għandhom jitħallsu bir-rata tal-*overtime* għal tali sigħat.

Rigward il-*Police Allowance*, qed jintalab li dan jiżdied sostanzjalment u jibda jinkorpora fih l-*ispecial duty allowance*. B'hekk, fin-nuqqas ta' proċess trasparenti ta' trasferimenti li jagħti lok li d-deċizjoni li persuna tiġi trasferita tkun waħda arbitrarja, għall-kuntrarju ta' proċess miftuħ li jagħti opportunità lil kulħadd li jimxi minn sezzjoni għal oħra, kulħadd ikun qed jiġi trattat indaqs. Mill-banda l-oħra, qed issir talba għall-*clothing allowance* għal min jaħdem pajżan, peress illi l-bżonn li jixtri l-ħwejjeġ u r-riskju li jqattagħhom huwa reali.

Huma bosta dawk il-Pulizija li minħabba l-kapaċitajiet individwali tagħhom, jiġu mqabbda jagħmlu xogħol li normalment jatratta salarju akbar minn dak li jieħdu hawn. Hawn qed nitkellmu fost oħrajn fuq rwoli tekniċi speċjalizzati. Pulizija oħrajn, jingħataw rwoli 'l fuq mix-xogħol regolari tagħhom li wkoll jeħtieġu ħin u ċertu ħila, bħalma huma rwoli fil-*project management*, *leadership* jew *coordination*. Aħna nirrikonoxxu li mhux ġust illi min iwettaq dawn it-tip ta' rwoli qed jitħallas inqas minn ħaddiema oħra f'Dipartimenti oħra sempliċiment għax huwa Pulizija. Għaldaqstant, intalab *allowance* sabiex jinċentiva lil min attwalment ikun qed

iwettaq xogħol li jirrikjedi ħiliet u speċjalizazzjonijiet partikolari, sakemm fil-fatt ikun qed iwettaq it-tali xogħol.

Kulħadd jistenna li l-Pulizija jkompli jistudja u jinvesti fil-ħiliet tiegħu u li jżomm ruħu aġġornat mad-dinja ta' madwarna, iżda mbagħad m'hemm xejn x'jissapportja lill-Pulizija biex jagħmel dan. Għalhekk, qed nitolbu dak li jissejjaħ *Continuous Professional Development Allowance* (CPDA). Dan is-*CPDA* ikun jikkonsisti fi kreditu, li f'dan il-każ qed nitolbu €700 fis-sena, li l-Pulizija jkun jista' jutilizza sabiex jixtri kotba, apparat teknoloġiku ieħor li jista' jgħinnu jżomm ruħu aġġornat u jkollu mezzi oħra ta' tagħlim.

Fejn jidħol safar fuq xogħol, qed issir talba sabiex ix-xogħol li jsir barra jkun meqjus bħal li kieku nħadem Malta, u għalhekk meta persuna tkun imsiefra fuq xogħol waqt il-frank tagħha, titħallas daqs li kieku dak ix-xogħol sar Malta. Apparti minn hekk, jekk persuna minħabba raġunijiet ta' safar fuq xogħol titlef xi benefiċċju finanzjarju li kienet tibbenefika minnu kieku ħadmet il-ġurnata normali tax-xogħol tagħha f'Malta, din il-persuna għandha tieħu t-tali benefiċċju daqs li kieku ħadmet il-ġurnata tax-xogħol normali f'Malta. Din qed tiġri spiss meta Pulizija jkollhom isiefru f'jum ta' Ħadd jew Festa Pubblika u qed jitilfu s-*Sunday* u l-*Public Holiday allowances*.

Proposti oħrajn jinkludu żieda fil-*Communication Allowance* u *Performance Bonus* għall-Ispetturi, il-provediment tal-uniformi u meta jkun meħtieġ tibdil fix-xiftijiet.

Tajjeb li wieħed jirrimarka li dawn huma biss proposti li saru bi qbil bejn iż-żewġ unjins u mhux konklużjonijiet finali. Iżda ħassejna li għandna nżommukom aġġornati b'dak li jkun qed jiġri biex intom tifhmu dak li għaddej bħalissa. L-informazzjoni f'dan l-artiklu tirrifletti dak li huwa magħruf sad-data ta' meta nkiteb, jiġifieri t-8 ta' Mejju 2017. Kwalunkwe aġġornament jiġi trattat fil-ħarġa li jmiss.

http://www.mpa.org.mt

**INTENTIONALLY
LEFT BLANK**

# *Mini Police Day*
## ġewwa l-Kulleġġ San Ġorġ Preca Skola Primarja, Floriana.



















PULIZIJA
PULIZIJA








POLICE

# apprrezzament



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Meta min jgħin jista' jeħtieġ l-għajnuna: l-effetti ta' *Secondary Traumatisation*

Employee Support Programme Unit

### X'inhi s-*Secondary Traumatisation*?

*Secondary Traumatisation* hija r-riżultat ta' meta individwu, fuq bażi regolari jipprova jgħin persuni li jkunu esperjenzaw inċidenti trawmatiċi. Dan iseħħ meta l-individwu li qed jipprovdi servizz ta' appoġġ ikun emozzjonalment affettwat mill-esperjenzi ta' dawk il-persuni li qed jipprova jgħin. Kemm in-numru ta' trawmi li xi ħadd ikun espost għalihom, kif ukoll l-intensità ta' trawma jista' jkollha impatt fuq is-severità ta' *secondary traumatisation*. Professjonisti li x-xogħol tagħhom jeħtieġ li jaħdmu ma' persuni trawmatizzati jistgħu jkunu esposti għal trawma fuq bażi regolari.

### Min hu l-aktar f'riskju?

Minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom, uffiċjali tal-pulizija għandhom probabbiltà ikbar li jiltaqgħu ma' numru ta' nies li jkunu għadhom kif esperjenzaw xi inċident trawmatiku. F'ħafna każijiet, uffiċjali tal-pulizija huma meħtieġa li jisimgħu rakkonti dettaljati mill-individwi li jkunu involuti fl-inċidenti għall-finijiet tal-investigazzjoni. Inċidenti partikolari inklużi qtil, suwiċidji u mwiet aċċidentali, abbuż fuq it-tfal u inċidenti ta' vjolenza domestika huma eżempji ta' ċirkustanzi li jiltaqgħu magħhom uffiċjali tal-pulizija u li jistgħu jħallu impatt fuqhom. Meta individwi jkunu esposti għat-tbatija ta' ħaddieħor b'mod regolari, dan jista' jqanqal fihom emozzjonijiet qawwija u jista' jpoġġihom f'riskju għall-effetti ta' *secondary traumatisation*, partikolarment jekk ma jkollhomx aċċess għat-taħriġ u l-appoġġ neċessarju.

### X'inhuma s-sintomi ta' *Secondary Traumatisation*?

- Diffikultà biex tikkonċentra
- Sentimenti ta' rabja u dwejjaq kbar
- Nuqqas ta' sabar
- Tibdil fil-burdata
- Għejja kontinwa
- Ħolm u memorji rikorrenti ta' inċidenti speċifiċi
- Ħsibijiet ta' biża li tħossok qiegħed kontinwament fil-periklu
- Nuqqas ta' fiduċja u ħsibijiet negattivi dwar dawk ta' madwarek

### X'impatt jista' jkollu fuq is-servizz ipprovdut?

Is-servizz ipprovdut lill-pubbliku jista' jkun affettwat b'mod negattiv jekk il-persuna li qed tipprovdi servizz ma tkunx konxja li qed tesperjenza sintomi ta' *secondary traumatisation*. Dan jista' jkollu implikazzjonijiet kbar speċjalment għall-uffiċjali tal-pulizija jekk pereżempju jkollhom sentimenti ta' rabja kbira jew għejja kontinwa li huma wħud mis-sintomi ta' *secondary traumatisation*. Hemm ċans akbar fost dawk li xogħolhom jinvolvi li regolarment ikunu esposti għat-tbatija ta' ħaddieħor li jbiddlu l-qasam tax-xogħol tagħhom minħabba d-diffikultajiet emozzjonali li jistgħu jesperjenzaw.

### Kif tista' tevita jew tindirizza s-*Secondary Traumatisation*?

Li wieħed jieħu ħsieb saħħtu għandha tkun prijorità. Dan ma jfissirx biss is-saħħa fiżika iżda tinkludi wkoll dik emozzjonali. Hemm diversi modi kif wieħed jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u dan jinkludi li jsib biżżejjed ħin għal mistrieħ u l-irqad, li jżomm dieta bbilanċjata, u jagħmel xi tip ta' eżerċizzju fiżiku b'mod regolari. Dawn huma ftit mill-affarijiet li wieħed jista' jagħmel biex iżid il-kapaċità biex ikampa mal-istress. Apparti minn hekk, huwa importanti li wieħed iżomm ruħu okkupat billi jipparteċipa f'attivitajiet ta' divertiment jew jiddedika ħin fuq xi passatemp. Li tfittex il-kumpanija u li tqatta' l-ħin mal-familja u l-ħbieb huwa importanti wkoll biex tgħinek taqta' u ma tibqax taħseb fuq il-problemi tax-xogħol wara li tkun spiċċajt il-ħidma tiegħek. Huwa ta' benefiċċju wkoll li wieħed jiftaħ qalbu u jiddiskuti kif qed iħossu ma' xi ħadd li jafda. Għalkemm huwa normali li persuni li huma esposti għat-tbatija tal-oħrajn b'mod regolari jesperjenzaw xi sintomi ta' *secondary traumatisation*, meta wieħed ma jirrealizzax bl-effetti tagħha u l-problemi emozzjonali jakkumulaw, din tista' twassal għal iktar problemi.

Jekk qed tesperjenza xi sintomi msemmija f'dan l-artiklu jew għaddej minn xi diffikultajiet oħra li qed jaffettwawlek il-ħajja personali u/jew professjonali, is-sapport u l-*counselling* jistgħu jgħinuk biex tħossok aħjar. Għal iktar informazzjoni jew biex tagħmel appuntament kunfidenzjali, ikkuntattja lill-E*mployee Support Programme* billi ċċempel fuq 2200 1210 jew tibgħat e-mail f'dan l-indirizz esp.opm@gov.mt.

magazine.police@gov.mt

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

# Santo Cassar

## L-unika uffiċjal tal-Pulizija maqtul fil-gżira ta' Għawdex.

minn PC36 Charles Azzopardi Refalo

PC201 Santo Cassar kien xogħol fir-raħal taż-Żebbuġ f'Għawdex u kien waqt ronda eżatt fil-pjazza tar-raħal fejn f'dak iż-żmien kienet tissejjaħ *Pjazza Chiesa*. Cassar sofra minn ġrieħi ta' natura gravi wara li ġie milqut minn tir ta' arma tan-nar nhar l-ewwel ta' Awwissu 1914 għall-ħabta ta' 11:45 ta' filgħaxija.




Cassar miet fl-isptar ta' Għawdex l-għada t-tnejn ta' Awwissu 1914 fil-04:50 ta' filgħodu fl-età ta' 47 sena. Hu miet kawża ta' emoraġija interna fl-għonq u *oedema* fil-*glottis*. Il-funeral tiegħu sar waranofsinhar nhar it-tnejn ta' Awwissu 1914 ġewwa l-Katidral iddedikat lil Santa Marija ġewwa l-Belt Victoria. Hu ġie midfun f'qabar komuni ġewwa l-istess Katidral.

Santo Cassar twieled fl-24 ta' Novembru 1867 ġewwa l-Belt Valletta. Missieru Giuseppe miż-Żejtun u ommu Maria xebba Callus mill-Belt Valletta. Santo kien miżżewweġ lil Anna xebba Tabone u flimkien kienu joqogħdu ġewwa Triq Sant' Ursola, fil-Belt Victoria.

Għall-ħabta ta' 11:45 ta' filgħaxija ta' nhar l-ewwel ta' Awwissu meta l-kuntistabbli 201 kien viċin is-Salib tad-Dejma ġewwa l-pjazza tar-raħal taż-Żebbuġ, xi persuna/ni mhux magħrufa sparaw tiri b'arma tan-nar fid-direzzjoni ta' Santo. Mal-ħoss ħarġu xi nies biex jaraw x'kien ġara.

Kien ċertu Antonio Ċini li ta l-ewwel għajnuna u ma' xi nies oħra ħadu lill-kuntistabbli ferut ġewwa l-għassa fejn poġġewh fuq mitraħ. L-Avukat tal-għassa kien Giovanni Cremona fejn kiteb li Santo kien stqarr miegħu hekk: "*he was on good terms with everybody and suspect no one*". Dott. J. Cauchi u Dott. M. Tabone kienu t-tobba li waslu ġewwa l-għassa fejn dewwew lil Santo u għall-ħabta tat-03:30 ta' filgħodu ordnaw li Santo Cassar għandu jittieħed malajr kemm jista' jkun lejn l-isptar ta' Għawdex, illum l-uffiċini tal-Ministeru għal Għawdex, fejn miet fil-04:50 ta' filgħodu.

Min-naħa tal-pulizija, l-investigazzjonijiet tmexxew mill-Ispettur Carmel Gauci bl-għajnuna tas-Surġent A. Fenech flimkien ma' PC G. Axiaq, PC G. Cauchi

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

u PC S. Saliba. Saru diversi tfittxijiet f'diversi residenzi għal kull tip ta' arma tan-nar fejn saru diversi konfiski, iżda ma wassal għall-ebda arrest.

Il-qtil ta' Santo Cassar għadu misteru u għaddew aktar minn 100 sena u l-każ baqa' mhux solvut. Din il-ġrajja ġiet imfakkra fiċ-ċerimonja f'għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' Santo Cassar li saret nhar it-tnejn ta' Awwissu 2014. Ġiet inawgurata skrizzjoni fuq l-irħam mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Dott. Emanuel Mallia.

Grazzi lil Carmel Saliba mill-Belt Victoria talli kien ġabar u għamel riċerka dwar dak li kien għadda minnu PC201. B'hekk Għawdex flimkien mal-Korp tal-Pulizija ma jinsa qatt lil dan il-kuntistabbli li miet waqt il-qadi tad-dmirijietu.


Die 2. Augusti 1914.
Die 8. ejusdem

Bil-korteżija ta' Carmel Saliba, Victoria Għawdex - Sunday Times 13/07/2014

Joseph Micallef, Xagħra Għawdex - Sunday Times 06/07/2014

Mons. Joseph Sultana - Arċipriet tal-Parroċċa tal-Assunta tal-Belt Victoria

L-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex - Mons. Dott. Joseph Bezzina.

magazine.police@gov.mt



# Il-Ballata Dwar Qtil fil-Mosta

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Parti kbira minn dan l-artiklu kif qed taraw, hija l-immaġni stampata tal-ballata dwar il-ġrajja tal-qtil ta' ċertu Natu Bellia mill-Mosta, f'Lulju tal-1906. Rakkont dettaljat nistgħu ngħidu dwar kif sar dan il-qtil makabru, aktarx sforz il-ħsibijiet ħżiena, l-għawi jew xi qlajja li wieħed kien f'akkordju li jirkupra r-raba' tal-ieħor.

### X'INHI BALLATA?

Rakkont b'rima stil poetiku; għanja li tirrakkonta storja ħafna drabi t-traġedja u l-oskurità tal-ħajja, bl-elementi wkoll tal-imħabba. Elementi oħra importanti li nsibu fiha huma l-faxxinu tal-imgħoddi; il-misteru tal-ħajja ħafna drabi - li dawn żgur ser jibqgħu magħna; l-ambjent ippreżentat, imħabba mhux mitmuma; il-ħlewwa tal-qalb, l-għira u l-mibgħeda.


(sitt-habbiet)

IL KTIL TAL MOSTA

Ciccu Mifsud (tal Ghadma) katel lil Natu Bellia

Hhar il Hatt ta Lulju 1906.

Il-prezz li kienet tiġi mibjugħa l-ballata kien ta' sitt ħabbiet, ekwivalenti għal żewġ milleżmi tal-flus Maltin

Wieħed jinnota wkoll l-użu tad-djalogu fil-kuntest taż-żmien; il-memorja ta' ċertu fatti u ġrajjiet missirijietna li wkoll jitwasslu lilna permezz ta' lingwaġġ sempliċi li fi żminijietna għal ħafna pjuttost jitqies arkajku; minħabba li jarawh bħala kliem antik u tqil li issa spiċċa mid-diskors u d-djalettika. Din il-kitba titqies ukoll bħala mezz ta' midja komunikattiva, li twassal u xxerred ġrajjiet li jkunu ġraw fil-mument jew ftit aktar qabel; waqt li tibqa' tfakkarhom u tippreservahom għal dawk li jiġu wara, kif propju ġara b'din li qed naqsam magħkom wara daqstant snin.




Il-lapida li tfakkar il-mewt ta' Natu Bellia tinsab fi Triq Durumblat, viċin l-istatwa li tirrappreżenta l-erwieħ

### Min kien jikteb dawn il-ballati?

Normalment fiż-żminijiet l-aktar 'il bogħod kien ikun xi qassis, kleriku jew nutar fil-biċċa l-kbira li kienu jiktbu dawn il-ballati jew xorta ta' letteratura simili. Fihom bi prominenza wieħed jinnota wkoll l-aspett storiku u kulturali tal-lingwa, bl-instabilità fl-ortografija użata, minħabba t-taħlita fil-forom ta' bejn Semitiku u Rumanz. Insibu li aktar 'l hawn, lejn żminijietna, dawn il-ballati kienu nkitbu wkoll minn Ružar Briffa, Anton Buttiġieġ u xi oħrajn. Fihom insibu d-djalogu, il-mistoqsija retorika u l-użu tajjeb tan-narrazzjoni; jiġifieri poeżija li qed tirrakkonta storja sabiex tiġi mgħannja minn xi għannej jew tnejn ta' stoffa minn ta' dawk iż-żminijiet.

Minn din il-ġrajja ta' żvintura fejn il-vittma jiġi maqtul b'mod daqshekk brutali, aktarx minħabba ċirkustanzi ta' insigurtajiet soċjali, l-awtur mhux magħruf ta' din il-ballata, b'punti antropoloġiċi ċari u interessanti, qiegħed ukoll jikkulturizzaha billi jlibbisha l-animu folkloristiku lokali; għax f'kull forma ta' interpretazzjoni, dejjem b'xi mod għandek

joseph.q.borg@gov.mt

# Il-*kepe* – *kepi*

Minn meta bdiet tintlibes l-uniformi madwar l-1835, l-ewwel forma ta' beritta jew aħjar kappell li kien beda jintlibes magħha kien il-kappell magħruf bħala t-tomna (Tomna hija forma ta' kejl taż-żrieragħ, kif ukoll dimensjoni ta' kejl tar-raba') Wara t-tomna daħlet il-*kepe* jew *kepi* – stil ta' beritta li oriġinat fi Franza madwar l-1830. Minn dan in-nom ħarġet il-kelma *kappi* u diminuttiv tagħha *kappe* li minnha joħroġ in-nom bl-ingliż *cap*. Din ix-xorta ta' beritta, li jikkaratterizzawha l-forma u l-piż żgħir tagħha; kienet użata mill-Militar u l-Pulizija Franċiża b'mod frekwenti fl-imgħoddi, kif ukoll f'diversi postijiet l-aktar dawk Ewropej. L-ewwel forma ta' *cap badge* lokali li kellu l-Korp kienet propju bdiet titwaħħal fuq din il-beritta.



F'dawn iż-żewġ ritratti madwar l-1880/1890 miġjuba f'din il-ħarġa, jidher ċertu Bernard Mercieca (Eks Pc 278) li kien magħruf ukoll bħala 'Id-Didu' mill-Belt.

Ritratti bil-kortesija tas-Sur Louis Bugeja mill-Belt.

# INTENTIONALLY LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Avvenimenti U Informazzjoni

*Malta Police Sports Committee*

Meta wieħed iħares lura, il-parteċipazzjoni tal-membri tal-Korp tal-Pulizija f'attivitajiet sportivi organizzati mill-MPSC, jirriżulta li kienu konstanti u effettivi. Dan jawgura tajjeb kemm għall-kumitat innifsu li għaraf li jġib dawn l-attivitajiet għall-attenzjoni tal-membri u aktar minn hekk, li kien hemm membri fil-Korp li pparteċipaw u kellhom riżultati sodisfaċenti u ta' unur.




**Attivitajiet Sportivi** - organizzati mill-MESA

Bħalma sar fil-passat, il-membri tal-Korp, wara li kien hemm sejħa interna, ipparteċipaw f'diversi attivitajiet sportivi organizzati mill-MESA. Kull sena, il-MESA torganizza diversi dixxiplini sportivi fejn dejjem ikunu mistennija mill-istess membri. U ta' dan, bla dubju, it-tifħir u l-mertu jmur għall-kumitat kollu tal-MESA li b'responsabilità, impenn u f'ambjent sportiv torganizza l-attivitajiet kollha. Dawn huma wħud mill-attivitajiet sportivi organizzati s'issa mill-MESA ċioè:-

Is-sehem tal-membri tal-Korp tal-Pulizija



Meta wieħed iħares lejn il-parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet sportivi, il-fatti u r-riżultati huma dawn li ġejjin:-

## *Football* – Staġun 2016-2017

F'dan il-*league*, il-Korp tal-Pulizija jieħu sehem b'żewġ timijiet li kienu f'diviżjonijiet differenti. Tim 'A' li kien fl-ewwel diviżjoni, irnexxielu jżomm postu filwaqt li TIM 'B' li kien fit-tieni diviżjoni rnexxielu jieħu l-promozzjoni wara *decider* ma' Transport Malta. Kien staġun sodisfaċenti ħafna għat-TIM 'B' li rnexxielu jitla' finali tan-*knock-out* kontra l-AFM. F'din il-logħba, TIM 'B' ħareġ tellief wara li kien 2-0 minn fuq imma deher ċar li n-nuqqas ta' taħriġ kienet ir-raġuni prinċipali li l-AFM irnexxielhom jirbħu din il-finali. Minn hawnhekk nifirħulhom u daqstant ieħor nifirħu lit-TIM 'B' għas-suċċess li kellu dan l-istaġun li żgur u mhux forsi kien possibbli bl-għaqda u l-maturità tat-TIM li kienet f'idejn PC1250 Pawlu Saliba.

## *Bowling*

Il-Korp ipparteċipa b'żewġ timijiet fejn kellhom riżultati tajbin ħafna stante li ma kienx hemm taħriġ qabel dan it-turnament. Fil-fatt, TIM 'A' kklassifika fir-raba' post u Tim 'B' kklassifika fis-sitt post. Fil-kategorija individwali, PS845 Ian Vella tella' punteġġ ta' 513 punt u kklassifika fit-tieni post u rebaħ fuq parteċipanti oħra illi jilagħbu b'mod regolari fil-kampjonat domestiku tal-logħba tal-*bowling*.

Il-kumitat jixtieq jirringrazzja lil PS845 Ian Vella u l-parteċipanti l-oħra tar-riżultati miksuba u pożittivi u ħeġġeġ aktar membri fil-Korp sabiex jipparteċipaw f'din id-dixxiplina.



## Darts

Fl-24 t' April 2017, il-*Malta Employees Sports Committee* għal darb'oħra organizzat turnament tad-darts ġewwa l-kumpless "Juventutis Domus", iż-Żejtun. PC814 Gordon Stanmore ppparteċipa f'isem il-Korp tal-Pulizija fejn kellu prestazzjoni tajba fil-fażi tal-gruppi, tant illi ġie l-ewwel fil-grupp tiegħu. B'dan ir-riżultat hu għadda għal fażi ta' semifinali iżda safa megħlub minn rappreżentant tal-EneMalta bl-iskor ta' 2-1 rispettivament.



Il-kumitat jirringrazzja lil PC814 Gordon Stanmore li pparteċipa f'din l-attività u jieħu l-okkażjoni li jifraħlu għal parteċipazzjoni pożittiva oħra kemm mal-Korp tal-Pulizija kif ukoll fil-qasam nazzjonali u internazzjonali.

## *Volleyball*

Nhar is-27 t'April, it-Tim tal-*Volleyball* tal-Pulizija ħa sehem fl-attività organizzata mill-MESA. F'din l-attività, it-Tim tal-Pulizija lagħab kontra t-timijiet tal-Isptar Mater Dei, il-Forzi Armati ta' Malta u l-Università ta' Malta. Għalkemm it-Tim tal-Pulizija ma kellux biżżejjed membri li setgħu jipparteċipaw fil-ġurnata minħabba impenji tal-Presidenza Ewropea, xorta pparteċipa u taw sehemhom ben tajjeb. Kienet parteċipazzjoni li offriet impenn sportiv, għaqda u tiġdid ta' memorji ta' meta kienu aktar attivi u izgħar fl-età.

Madankollu, wieħed irid jifraħ u jirringrazzja lit-Tim tal-*Volleyball* speċjalment li dawk il-membri li wrew kuraġġ u xorta taw sehemhom avolja kienu inqas fin-numru.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, WPS280 Louise Camilleri tixtieq tibgħat messaġġ lil dawk il-membri tal-Korp li huma interessati li jkunu parti fit-tim tal-*volleyball* għall-attivitajiet sportivi futuri billi jagħmlu kuntatt magħha fuq dan l-indirizz elettroniku ċioè louise.b.camilleri@gov.mt.

### *5K Run* – Kirkop u Mtarfa

F'din l-ewwel tellieqa, il-konkorrenza kienet waħda kbira. Ħamsin (50) atleta ħadu sehem fit-tiġrija ta' 5 kilometri li l-MESA organizzat fit-18 t'April 2017 fuq iċ-ċirkwit ta' Ħal Kirkop - Ħal Safi.

Din it-tellieqa ġiet mirbuħa mill-Pulizija PC376 Andrew Grech li għamel it-tellieqa f'ħin eċċellenti ta' 15-il minuta u 47 sekonda. L-istatistika turi li dan il-ħin huwa l-istess ħin li huwa kien irreġistra fit-13 ta' Mejju 2016, tellieqa li saret sena ilu fuq l-istess rotta. Fit-tieni post, aktar minn minuta wara PC376 Andrew Grech, daħal is-Sur Matthew Scicluna mill-MFSA fejn irreġistra ħin ta' 16-il minuta u 49 sekonda, filwaqt li s-Sur David Cassar mill-Protezzjoni Ċivili spiċċa t-tellieqa fit-tielet post b'ħin ta' 18-il minuta u sekonda.

Fil-kategorija femminili, SA Gianella Bugeja rebħet it-tellieqa f'ħin ta' 19-il minuta u 24 sekonda, fit-tieni post daħlet SA Agnetha Agius mill-Università ta' Malta f'ħin ta' 20 minuta u 11-il sekonda filwaqt li SA Lucienne Desira mill-Forzi Armati ta' Malta daħlet fit-tielet post f'ħin ta' 24 minuta u 3 sekondi.

Bħala timijiet, it-Tim tal-Pulizija ġie fl-ewwel post b'total ta' ħin ta' 56 minuta u 11-il sekonda, segwiti minn Transport Malta b'ħin totali ta' 57 minuta u 41 sekonda u fit-tielet post ikkwalifikaw il-Protezzjoni Ċivili b'ħin totali ta' 58 minuta u 34 sekonda.

It-tellieqa li jmiss għandha ssir ġewwa l-Imtarfa nhar it-23 ta' Mejju 2017.

### Kummenti Ġenerali

Bħal dejjem, il-Kumitat Sportiv kellu l-ħsieb li jorganizza u jieħu sehem f'diversi attivitajiet sportivi fosthom li jorganizza turnament ieħor tal-*football* intern kif ukoll jieħu sehem fil-maratona ta' Puttinu Cares. Ġara li minħabba l-attivitajiet tal-Presidenza Ewropea kif ukoll l-Elezzjoni Ġenerali, l-attivitajiet interni ġew sospiżi u l-maratona ta' Puttinu Cares ġiet imħollija għat-22, 23 u 24 ta' Settembru 2017.

Fir-rigward tax-xogħlijiet fis-Sala tal-Isports (*Other Ranks Games Room*), ix-xogħol huwa wieqaf minħabba l-istess raġunijiet. Għaldaqstant, bħalma wieħed jista' jifhem bir-raġunar sempliċi, li x-xogħlijiet waqgħu lura stante li kien hemm l-approvazzjoni min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar.

Insellmilkom

mpsc.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Jum il-Pulizija 2017

## Il-203 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija

### L-Erbgħa 5 ta' Lulju, 2017

**10:00am** - Wirja ġewwa Pjazza Ħelsien, quddiem il-Parlament mill-Banda tal-Pulizija, is-*Silent Drill Team* u s-Sezzjoni tal-Klieb.

Preżenti: żewġt' iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) - mutur tat-traffiku / rikkieb

Wirja ta' vetturi antiki u moderni li jintużaw mill-Pulizija fi Pjazza Ħelsien man-naħa tat-teatru l-imwaqqa'.

**7:30pm – 9.30pm - Vilhena Hall**
Riċeviment għall-membri tal-Korp u l-Pensjonanti.

### Il-Ħamis 6 ta' Lulju 2017

**8:30pm - Marsascala**
Wirja mill-Banda tal-Pulizija, is-*Silent Drill Team* u s-Sezzjoni tal-Klieb.

Preżenti: żewġt' iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) - mutur tat-traffiku / rikkieb.

### Il-Ġimgħa 7 ta' Lulju, 2017

**7:30pm – 9:30pm - Vilhena Hall**
Riċeviment għall-membri tal-Korp u l-Pensjonanti.

**8:30pm - Sliema** - Wirja mill-Banda tal-Pulizija u s-Sezzjoni tal-Klieb fi Triq it-Torri.

### Is-Sibt 8 ta` Lulju, 2017

**8:30pm - Buġibba** - Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija. Wirja mis-*Silent Drill Team* u s-Sezzoni tal-Klieb f'Misraħ il-Bajja.

Preżenti: żewġt' iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż- żwiemel mit-tfal) – mutur tat-traffiku / rikkieb.

### Il-Ħadd 9 ta` Lulju, 2017

**9:00am** - Quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Wara servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija u tqegħid ta' kuruni.

### L- Erbgħa 12 ta' Lulju, 2017

**JUM IL-PULIZIJA**
8:30am - Gwardja tal-Unur quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Salut mill-Gwardja tal-Unur lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ministru responsabbli mill-Pulizija, lill-Prim Ministru u 'l-President ta' Malta. Daqq tal-Innu Nazzjonali.

**9:00am** - Quddiesa Solenni ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

**8:00pm** - **Barrakka t'isfel** - Riċeviment għall-fizzjali u l-mistednin tal-Korp, bis-sehem tal-Grupp Mużikali tal-Korp tal-Pulizija.

### Il-Ħamis 13 ta' Lulju, 2017

**6:30pm - Għawdex**
Quddiesa għall-Pulizija Għawdxin / Pensjonanti fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, ġewwa Għawdex. Servizz fuq l-Oqbra tal-Pulizija u tqegħid ta' kuruni.

**8:00pm - Marsalforn**
Marċ matul Triq Mikielanġ Refalo u Kunċert Mużikali mill-Banda tal-Pulizija fil-Menqa. Wirja mill-*Precision Drill Team* u mit-Taqsima tal-Klieb.

Preżenti: Żewgt' iżwiemel tal-Kavallerija (irkib fuq iż-żwiemel mit-tfal) – Mutur tat-traffiku / rikkieb.
Riċeviment għall-Pulizija Għawdxin / Pensjonanti ġewwa l-Għassa tar-Rabat, Għawdex.

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Country: Malta
Comments: I would like to sincerely thank the Police officers at the Hamrun Police Station for their excellent service. I have to call them often to ask for their help to trace the person obstructing the entrance to my garage. Compared to the heavy work load the Police Force have to carry this might be trivial. In spite of all every time they help immediately. I have to thank them for each and every time they walk the extra mile to help us.

---

Dear Sirs,

I would like to acknowledge and commend PC238 for his kindness and understanding. My aged aunt normally goes to the Rabat Health Centre twice daily for her insulation injections. No such service is provided on Saturday evenings and a nurse calls on her to give her the evening jab. Somehow today she got confused and finding the clinic closed, she went to the Rabat Police Station for assistance. It is my opinion that PC238 realised that this matter can get out of hand within a few hours and elected to accompany her to the Mosta Health Centre for her insulin.

I am greatly indebted for his kindness and foresight.

Sincere regards.

---

BOV
Bank of Valletta

The Commissioner of Police
Police General Headquarters
Floriana

6th March 2017

Attacks on BOV plc ATMS between February 2017 and 4th March 2017.

Dear Sir,

With this short note on behalf of BOV plc I would like to commend the positive action of Supt. Ian Abdilla and Inspector Matthew Vella of the ECU and their teams for the immediate action taken on the 4th March 2017 when individuals attacked our ATM network and withdrew unauthorized cash.

Together and in coordination with BOV Security personnel they managed to arrest two of the culprits.

I would also like to thank PS 1340 Bellizzi who coordinated the RIU efforts and PC 1281 Bugeja and PC 1413 Agius of the same unit who arrested one of the suspects.

Regards,

Alexander Paul Miruzzi
B.A.(Hons); C.P.; MSc (Leic.),
LL.B., Dip. Notary Public.
Group Security Officer
BOV Group
BOV Centre
Security Department
St. Venera.

Bank of Valletta p.l.c. Security Officer Security Dept. H.O.

---

Comments: On behalf of my son Mark Agius we wish to thank the police at Zabbar Police Station and who else was involved for returning his lost wallet last week. Thank you for the good work being done.

---

Dear Sir / Madam,
On behalf of our students and staff I would like to thank all Police Officers at the Police Dog Section, Mosta, for their kind support throughout our visit. The lecture was very informative and the dog show was very engaging. Our visit was a remarkable one. I am sure the students benefited a lot.

Keep up your good work!

Regards,

Kevin Spiteri
Teacher
Wardija Resource Centre

---

Good afternoon,
I hope this email finds you well. I am sending this e-mail on behalf of the other three teachers. We would like to thank Mrs. Charlene Cilia and the other policewoman who accompanied her. They managed to go down to the childrens' level and explain to them important concepts like 'Stranger danger', their job as police officers consist of and why they are there to help, and also why children should seek help from them when they need. The children could not stop asking question, as I am sure that Mrs. Cilia informed you about. I would also want to say thank you for the stickers. The children were so happy about them. During the break, they were running with their hands on the stickers on their shoulders to make sure that they do not fall on the floor and loose them.

Thanks a lot once again.
Ms Ylenia

---

Dear Sir/Madam,

On behalf the Armed Forces of Malta I would like to thank you for hosting the ALP students at the Police Dog Section. It was a very positive experience through which the students learnt not only about the importance of discipline and education but also about following a career with the Force. Your time and dedication to this endeavour in greatly appreciated.

I also take the opportunity to commend PS Patrick Magri for his time, dedication and tact in dealing with these students.

Thank you,

Edric

E. ZAHRA
Major
Staff Officer 2 Civil Military Cooperation (CIMIC)

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# L-Akkwist ta' Tagħmir għall-Membri tal-Korp Kofinanzjat mill-Fond għas-Sigurtà Interna

Sarah Grima – *EU Fund Manager*

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta għandu r-responsabilità li jżomm lil Malta pajjiż sigur u bla periklu. Għalhekk permezz ta' analiżi tar-riskju u interventi f'waqthom, il-Korp tal-Pulizija jiżgura li jelimina jew inaqqas kwalunkwe theddid ta' riskju li jista' jinqala'. F'dan il-kuntest, permezz tal-Fond għas-Sigurtà Interna 2014-2020, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta bbenefika minn fondi Ewropej għall-proġett intitolat, '*Procurement of Police Equipment*', bl-għan li jipprovdi tagħmir li ser iżid is-sigurtà tal-uffiċjali tal-pulizija waqt rejds u s-sorveljanza ta' żoni perikolużi. Permezz ta' dan il-proġett, fl-2015 ġew mixtrija 200 vest li ġew użati waqt iċ-CHOGM. Permezz ta' dan l-istess proġett, matul l-2016 inxtraw 200 vest oħra liema ser jiġu mqassma lir-*Rapid Intervention Unit* u lill-pulizija tad-distretti.




Taħt dan il-proġett ser jiġu akkwistati wkoll *riot kits*, *flame retardant suits* u *stab vests*, fost oħrajn.

Dan il-proġett jaqa' taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna 2014-2020. Ir-rata ta' kofinanzjament hija ta' 75% mill-Fondi tal-UE u 25% minn fondi Nazzjonali. It-tagħmir taħt dan il-proġett ser jappoġġa l-għanijiet tal-Fond għas-Sigurtà Interna peress li dawn se jikkontribwixxu biex jiżguraw livell għoli ta' sigurtà, jgħin b'mod sinifikanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità kif ukoll fi kriżijiet u f'avvenimenti ta' livell għoli ta' riskju. Peress li l-uffiċjali se jkunu mħarsa aħjar u iktar imħejjija, dan il-proġett ser jgħin biex jintlaħaq l-għan Nazzjonali li tiġi żgurata s-sigurtà taċ-ċittadini Maltin u l-infrastruttura kritika kontra l-inċidenti relatati mas-sigurtà.

magazine.police@gov.mt

Mariah Camilleri
7 snin




Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Message: During our first visit to Malta on the 02.01.2017, we were impressed by the level of public service we encounter. We arrived in the airport hungry and tired, it was late in the evening, we had no inkling on where we needed to be, or where our hotel was based, we approached some officers on our drive late at night, bearing in mind we were lost at this point, Pc 691 Juan Mula DeBono, Pc 123 Rodric Vassallo and Pc 1391 Matthew Camilleri R.IU Section. They appeared friendly and easy to approach, we were miles away from our hotel and they took the time out to escort us to where we needed to be! They were so friendly and we were very impresses by their level of courtesy and professionalism the fact they took the time out to take us to our hotel. I just want to convey my gratitude and inform you on how grateful we are for the service! These boys were fantastic and full of manners and I hope to be visiting your wonderful country if all the officers are like this, we I felt secure on our visit, knowing that you have such wonderful staff working for you.
Thank you.

Maggur Cassar, Supretendent Tonna, Surgent Fenech, Surgent Cassar, Surgent Bonnici

F'isem dan l-ufficju, f'isem is-superjuri tieghi, f'isem it-team kollu ta' l-Events u f'ismi nixtieq inroddilkom hajr ta l-ghajnuna imprezzabbli taghkom li wasslet biex Rockestra tkun ta' success. Kellna kummenti posittivi hafna fejn jidhol traffiku u logistika li assistejtuna fiha intom.

Surgent Fenech – Grazzi ta' kemm hadt pacenzja bina fejn jidhol 'paperwork' u permessi. Dan gie apprezzat ferm.

Grazzi ghal darb'ohra. Ninsabu obbligati u proset tas-serjeta u l-efficcjenza li biha taqdu dmirijietkom.

Tislijiet,

Elaine

EUROPOL | EMSC European Migrant Smuggling Centre

MALTA EU2017

Mr. Frankie Sammut
Maltese Presidency of the EU

Via Lbx

The Hague, 13th March 2017

**Meeting of the Heads of Counter Migrant Smuggling Units**

Dear Mr Sammut,

I would like to personally thank you for your outstanding contribution made as co-chair to the EMSC Conference on the 23rd and 24th of February.

Judging from the challenging questions and comments along with the requests to sharing the presentations delivered, we could confidently conclude that the conference was a very successful event.

I greatly appreciate you taking precious time out of your busy schedule to lead and oversee the smooth running of the event.

I look forward carrying on our valuable cooperation and having you back at Europol again soon.

With my warmest regards,

Robert Crepinko

Dear Mr Commissioner

May I express our appreciation for the extra police coverage during the planned protest in front of the US Embassy this morning.
The protest was peaceful and uneventful, your officers were all very professional in their situational awareness, they carried out their duty in an exemplary manner.

The constant cooperation we receive from the Malta Police is much appreciated.

AHNA L-FAMILJA MALLIA, NIXTIEQU NIRRINGRAZZJAW U NURU L-APPREZZAMENT TAGHNA LEJN IL-PULIZIJA TAD-DISTRETT TAL-HAMRUN LI KIENU XOGHOL ILLUM WARA NOFSINHAR IMMEXXIJA MILL-ISPETUR VELLA TALLI FI FTIET SIEGHAT SOLVEW IL-KAZ TA' SERQ TAT-TABLET TAT-TIFEL TAGHNA. GRAZZI TALLI BIL-HIDMA TAGHKOM IT-TIFEL TAGHNA ERGAJTU GHAMILTUH KUNTENT BIR-RITORN LURA TAT-TABLET. GRAZZI.

Ghaziz Sur Farrugia,

F'isem il-kumitat Organizzattiv tal-WALK CYCLE RUN tal-bierah il-Hadd 16 ta' Ottubru nixtieq nirringrazzja lill-membri tad-distrett tieghek li hadu hsieb lil dawk li mxew mill-pjazza tas-Siggiewi sad-Dar tal-Providenza! Kif wkoll tal-barriers li offrejtulna. Organizazzjoni perfetta bil-ghan wiehed biex inkomplu nghinu lir-residenti tad-Dar tal-Providenza.

Hajr tal-ghajnuna kollha.

Tislijiet

Tonio Bonello
Manager – Programme Administration

Ilkoll apprezzajna kemm il-prezenza tas-Sgnt Joseph Mamo li gie l-quddiesa u kif ukoll il-gest sabih li s-Sgnt. Stefan ghamel dalghodu meta ta' l-ahhar tislima lin-nannu Vincent, ex-spettur u surmast tal-banda tal-pulizija.

In-nannu zgur li mar jistrieh bi tbissima meta ra li hemm rapprezentant tal-korp qed isellimlu bil-muzika. In-nannu kellu ghal qalbu hafna kemm l-uniformi u kif ukoll il-banda. Fl-ahhar jiem, meta n-nannu sar bed ridden u ma baqax jikkomunika bil-kliem, kont noqghod nurih il-vidjows tal-military tattoo u kien jiehu gost jara l-banda tal-pulizija ddoqq... gieli anke ta xi daqtejn b'idejh daqs li kieku qed imexxiha hu. Ghalhekk dan il-gest tas-Sgnt Stefan kien ifisser hafna.

Nixtieq anke niehu l-opportunita biex nirringrazzja lis-Supretendent Anthony Cassar li mhux biss ha hsieb li tinghata l-ahhar tislima imma talli wkoll zamm kuntatt kontinwu maghna f'dawn l-ahhar jiem. Il-hsieb nobbli tieghu kien apprezzat u jfisser hafna.

# International Police Association - Malta

Joseph Borda - Secretary General

## IPA Malta 53rd Anniversary Activities

### Shooting Competition

On the 15th April 2017, a shooting competition was organized by IPA Malta Section at the Ta' Kandja Police Shooting Range. In all eleven participants took part. Patrick Cassar was the Range Conducting Officer (RCO) for this event.

The Competition started at 8.00 am and terminated at 12.00 noon.

All participants were presented by the Secretary General IPA Malta, Joseph Borg with trophies and gifts from our sponsor, "Red Tracer" of Luqa, importer of 5.11 Purpose-Built Gear.



**1st Place... Donald Camilleri with 52.33 pts.**



**2nd Place... Alan Cutajar with 67.08 pts.**



**3rd Place... Floyd Bugeja with 71.72 pts.**



### Thanks Giving Mass

On the 30th April 2017, a Thanks Giving Mass was held at the Chapel at Police Headquarters by Fr. Ray Bonnici, the Police Chaplin. For this occasion, a good number of guests attended, along with members of the Committee.



INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

## Foreign Visits

During the months of February and May we had the following visitors:



**David Kerr from IPA Scotland**



**John Clark and Declan O'Byrne from IPA Ireland.**

Declan is also the *National Travel Officer* for IPA Ireland, where after his visit, he published a nice article on his experience on Malta on the IPA Journal, of Ireland. Martin Hoffman from IPA Austria, has just recently elected President of IPA Austria.

## Gala Dinner

On the 5th May 2017, a gala dinner was held at the Canifor Hotel, Bugibba. This event was organized by Committee Member Chris Cutajar who is in charge of entertainment matters. These events are very popular with our members.



## Membership Renewal

May I remind you that membership is due and those who still have not effected their payment may do so as follows;

Online by logging to: www.ipamalta.com

At our office in Marsa:

(Mondays between 9am and 12 noon)

At our GHQ Office:

(Legal Office. Daily between 9am and 4pm)

By Post. Cheque addressed to "IPA Malta Section, Police General Headquarters, Floriana".

Membership fee is €8 a year and €20 for three years.

ipamalta@gmail.com

# Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent Joe Borda, PRO/Teżorier (M.A.R.P.O.)

## Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2017

Nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 2017, numru ta' membri attendew għal-laqgħa Ġenerali Annwali. Mal-wasla tagħhom fl-uffiċju l-Marsa, il-membri kienu mistiedna għall-kafe u xi pastizzi. Din l-okkażjoni serviet ukoll ta' opportunita`, sabiex wieħed jiltaqa` flimkien b'mod formali.

Il-laqgħa bdiet fil-ħin kif programmat fl-10.00 a.m. .

Il-President is-Sur Charles Curmi, beda billi sellem lil dawk preżenti u għamel it-talba tal-bidu. Inżammet minuta silenzju b'rispett lill-kollegi u l-familjari li għaddew għall-ħajja oħra matul is-sena. Is-Sur Curmi kompla billi rringrazzja lil kulħadd talli attenda, u ħeġġiġhom sabiex jisimgħu b'attenzjoni u jagħmlu l-intervent tagħhom b'tali mod li mhux kulħadd jitkellem flimkien biex wieħed ikun jista` jsegwi aħjar.

Imbagħad stieden lis-Segretarju, is-Sur Ray Zammit sabiex jaqra l-minuti tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2016, li kienet saret fid-29 ta' Mejju 2016. Il-minuti nqraw u ġew approvati.

Wara t-Teżorier, is-Sur Joe Borda, qara r-rapport finanzjaru li kien ipprepara kif ukoll ir-rapport tar-reviżuri. Dawn ukoll ġew approvati. Is-Sur Borda ġibed l-attenzjoni ta' dawk li għadhom ma ġeddewx it-tessera tagħhom għas-sena kurrenti. Huwa ħeġġeġ li l-miżata tkun imħallsa fl-ewwel tliet xhur tas-sena u mhux aktar tard meta jkun possibbli.

Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, il-laqgħa spiċċat fil-11.30 am.





## Ħarġa għall-Għawdex

Il-ħarġa għall-Għawdex li kella ssir nhar is-Sibt 27 ta' Mejju 2017 ġiet imħassra peress li kienet se tkun ġimgħa qabel l-elezzjoni u nħass li ma jkunx żmien opportun.

## Membru ġdid fil-Kunsill

F'Jannar li għadda, Edwin Mamo, bagħat ir-reżenja tiegħu mill-Kunsill tal-Għaqda tagħna għal raġunijiet personali.

Il-Kunsill ikkunsidra u laqa` r-reżenja tiegħu filwaqt li ringrazzjah għall-kontribut tiegħu.

Peress li l-aħħar ħatra tal-Kunsill ma kienx meħtieġ li ssir elezzjoni, ma kienx hemm persuna eligibli biex timla` l-post vakant.

Għaldaqstant, il-Kunsill ippropona unanimament lil Martin Pace bħala membru tal-Kunsill, skont kif hemm provdut f'artiklu 4.6 tal-Istatut.

B'sodisfazzjoni nistqarru li Martin aċċetta li jsir membru, u ninsabu ċerti li huwa kapaċi jagħti s-sehem tiegħu bl-aħjar mod possibbli.

Ray Zammit
Segretarju



Edwin Mamo



Martin Pace

# Mill-Imgħoddi

Din id-darba għandna żewġ ritratti. Dawn iġibu d-data tal-1 ta' Frar 1951. Fir-ritratt tidher il-Prinċepessa Eliżabetta, tippreżenta l-*Cawnpore Cup* lill-ispettur tal-Pulizija, is-Sur Willy Abela, li kien membru ta *Imprudents Polo Team.*



*Princess Elizabeth presents the Cawnpore Cup to Inspector W. Abela of the Malta Police, a member of the Imprudents polo team, in February 1951. © Press Association*

**Mizata:** Issa li riesaq iż-żmien biex titħallas il-miżata tal-Għaqda, inħeġġeġ lill-membri biex jgħaddu l-ħlas dovut ta €5 fis-sena, permezz ta' ċekk, pagabli lill-M.A.R.P.O. u jimpustawh f'dan indirizz :

M.A.R.P.O. - P.O. Box 36, Birkirkara. Filwaqt li l-Għawdxin jistgħu jindirrizawh lil: L-uffiċju tal-Għassa, Rabat, Għawdex

Wara tintbagħat irċevuta bil-posta.

Għal aktar dettalji fuq ir-riċevimenti għall-membri tal-Korp u l-pensjonanti Maltin u Għawdxin segwu l-programm ta' Jum il-Pulizija 2017 - mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija segwu l-paġni 49.

**INTENTIONALLY LEFT BLANK**



Ex PC 909 Saviour Camilleri
1935 - 2016
1954 - 1979 & 1987 - 1995
(Gozo)



Ex PC 1253 Domenic Abela
1961 - 2017
1987 - 1988



Ex PC 599 John Borg
1944 - 2017
1964 - 1993



Ex PC 635 Joseph Pullicino
1939 - 2017
1962 - 1991



Ex PC 212 Joseph Bone
1939 - 2017
1961 - 1985



Ex PC 1134 Alfred Muscat
1943 - 2017
1964 - 1977



Ex PC 25 Tarcisio Bugeja
1931 - 2017
1950 - 1977



Ex PC 395 Gaetano Grech
1927 - 2017
1949 - 1974



Ex WPC 5 Rita Refalo
1937 - 2017
1956 - 1959



Ex PS 442 John Grech
1944 - 2017
1974 - 1999



Ex Supt. Paul Camilleri
1947 - 2017
1970 - 2008



Ex PC 1161 Joseph Farrugia
1946 - 2017
1964 - 1984

INTENTIONALLY
LEFT BLANK

INTENTIONALLY
LEFT BLANK